**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru: 86/2011 MLF**

**Olympia Frendo Cumbo**

**vs**

**Jonathan Farrugia u martu Melissa Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsuha s-somma li ma teccedix l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u hamsin Ewro (€6,850) rapprezentanti hlas ta' Provisional Capital Gains Tax li l-attrici hallset f'isimhom. Ghal dan il-hlas da parti tal-attrici ghan-nom tal-konvenuti, il-konvenuti obbligaw ruhhom in skritt li jirrifondu lura dan l-ammont. Il-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante li gew interpellati bonarjament permezz ta' ittra legali datata l-14 ta' Dicembru, 2010. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza u l-kontestwali mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Dicembru 2010, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Melissa Buttigieg li permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok irid jigi ippruvat li l-ammont li qieghed ikun mitlub gie effettivament rimborzat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta Melissa Buttigieg ma rceviet ebda rimborz u jekk dan sar, u rcevieh u nefqu l-konvenut l-iehor Jonathan Farrugia, li llum il-konvenuta hija separata minnu, l-azzjoni kellha tkun indirizzata kontra tieghu, u dan skond il-ftehim anness (Dok MB 1) li peress li r-rimborz hareg f'isem l-imsemmi u mhux f'isimha.

3. Illi fi kwalunwke kaz, data ma non concesso li l-eccipjenti tkun obbligata tirrifondi xi flus, ghandha biss thallas nofs l-ammont li jirrizulta, peress li l-obbligazzjoni ta' rifuzjoni ma hijiex solidali u indiviza mal-imsemmi Jonathan Farrugia.

Rat illi ghalkemm il-konvenut Jonathan Farrugia gie debitament notifikat bir-rikors promotur, huwa naqas milli jipprezenta r-risposta tieghu, u qatt ma deher f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-attrici u tal-konvenuta Melissa Buttigieg.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Permezz ta' skrittura ta' konvenju li ggib id-data tal-15 ta' Gunju 2006, l-attrici kienet obbligat ruhha li taccetta, tixtri u takkwista minghand il-konvenuti li bl-istess mod kienu obbligaw ruhhom li jbieghu, jassenjaw u jitraferixxu il-flat fil-livell terran gewwa l-blokka Chianti Flats, Triq Ruzar Mizzi, Mosta. Fuq dan il-konvenju, il-partijiet qablu

u ftehmu li fuq l-att finali ta' bejgh, it-Taxxa Provvizroja fuq il-Qligh Kapitali bir-rata ta' 7% kellha tithallas mill-attrici, b'dana li l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li wara li jimlew il-formoli tat-taxxi u jigu rimborsati mid-Dipartiment tat-Taxxi, huma kellhom ihallsu lura dik is-somma mhallsa mill-attrici.[1]

2. Fil-5 ta' Frar 2007, saret dikjarazzjoni fuq din l-iskrittura fejn il-konvenuti iddikjaraw li dak inhar stess l-attrici kienet hallset is-somma ta' Lm2,940 bhala Taxxa Provvizorja fuq il-Qligh Kapitali.

3. In-Nutar Malcolm Mangion irrilaxxa dikjarazzjoni (mhux guramentata) li permezz taghha ddikjara li l-emenda li tidher fuq l-iskrittura in kwistjoni hija kitba tieghu u li d-data ta' din l-emenda taqbel mad-data ta' att ta' bejgh fl-atti tal-istess Nutar u li permezz tieghu il-konvenuti kienu bieghu lill-attrici propjeta' gewwa l-Mosta u fejn it-taxxa mhallsa fuq dak l-att kienet fis-somma ta' Lm2,940.[2]

4. Minn Formola ta' Aggustament mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni f'isem il-konvenut Jonathan Farrugia relattiva ghad-Dhul ghas-sena 2007, jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni gharaf li l-konvenut kien dovut is-somma ta' Lm3,036 li minnhom is-somma ta' Lm2,940 kienet relattiva ghal kreditu tat-taxxa fir-rigward ta' Qligh Kapitali.[3]

5. Il-konvenuti isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech datat 29 ta' Jannar 2009, u li permezz tieghu *inter alia* il-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi lill-attrici is-somma li kellha tigi rifuza lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.[4]

6. Fis-16 ta' Gunju 2010, il-konvenut Jonathan Farrugia sarraf *cheque* mahrug lilu mill-Gvern ta' Malta bhala rifuzjoni tat-taxxa fis-somma ta' €7,073 ekwivalenti ghal Lm3,036.44.

[1] Ara l-iskrittura ta' konvenju immarkata Dok OFC 1 a *fol.* 2 tal-process.
[2] Ara d-dikjarazzjoni tan-Nutar Malcolm Mangion a *fol.* 45 tal-process.
[3] Ara l-Formola ta' Aggustament immarkata bhala Dok MB1 a *fol.* 69 tal-process.
[4] Ara klawsola 9(v) tal-kuntratt ta' firda personali tal-konvenuti a *fol.* 9 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – Il-Prova tar-Rimbors*

Fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-konvenuta tecepixxi li jehtieg li jigi ppruvat li l-ammont mitlub mill-attrici gie effettivament rimborzat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li kienet il-konvenuta stess li kkonfermat illi minn verifiki li kienet ghamlet mad-Dipartiment tat-Taxxi, kien irrizultalha li dan ir-rimborz sar permezz ta' *cheque* mahrug f'Gunju tas-sena 2010 fuq isem il-konvenut.[5] In sostenn ta' din id-dikjarazzjoni taghha, il-konvenuta esebiet Formola ta' Aggustament minn fejn jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni irrikonoxxa li ghas-sena 2007, il-konvenuti kellhom kreditu favur taghhom fis-somma ta' Lm3,036 li minnhom is-somma ta' Lm2,940 kienet relattiva ghal taxxa fuq qligh kapitali.[6] Din l-ahhar somma ta' Lm2,940 hija ekwivalenti ghas-somma indikata fid-dikjarazzjoni li saret fil-5 ta' Frar 2007 fuq l-iskrittura ta' konvenju fejn il-konvenuti kienu iddikjaraw li f'dik il-gurnata l-attrici kienet hallset din is-somma bhala Taxxa Provvizorja fuq il-Qligh Kapitali. Fix-xhieda taghha l-konvenuta spjegat li din il-Formola ta' Aggustament kienet harget fuq isem il-konvenut stante li sa dak iz-zmien il-konvenuti kienu ghadhom mizewwgin. In oltre, il-konvenuta esebiet ukoll kopja ta' cheque mahrug mill-Gvern ta' Malta f'isem il-konvenut bhala rimbors tat-taxxa fis-somma ta' €7,073 u li gie msarraf mill-konvenut fis-16 ta' Gunju 2010. Din is-somma tikkorrispondi perfettament mal-kreditu indikat fl-imsemmija Formola ta' Aggustament u li jinkludi kreditu tat-taxxa fuq qligh kapitali.[7]

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, u ghab-bazi tal-principji li jirregolaw il-grad ta' prova fil-kamp civili, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-konvenuti effettivament ircievew r-rifuzjoni tat-Taxxa Provvizroja fuq il-Qligh Kapitali mhallsa mill-attrici fuq l-att finali ta' bejgh. Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ser tigi michuda.

---

[5] Ara x-xhieda ta' Melissa Buttigieg a *fol.* 46 tal-process.
[6] Ara Dok MB1 a *fol.* 69 tal-process
[7] Ara Dok MB2 a *fol.* 71 u Dok MB3 a *fol.*72 tal-process

*Il-Mertu*

It-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenuti ser jigu kkunsidrati flimkien stante li huma relatati u jolqtu l-mertu tal-vertenza. Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, il-konvenuta tecepixxi li hija ma rceviet ebda rimbors u jekk dan ircevih il-konvenut Jonathan Farrugia, l-azzjoni kellha tkun diretta lejh stante li l-konvenuti huma legalment separati. Fit-tielet eccezzjoni taghha, imbaghad il-konvenuta tecepixxi li fi kwalunwke kaz hija ghandha thallas biss nofs l-ammont pretiz mill-attrici stante li l-obbligazzjoni ta' rifuzjoni ma hijiex solidali u indiviza mal-konvenut Jonathan Farrugia.

Il-kwistjoni li r-rimbors da parti tad-Dipartiment tat-Taxxi effettivament sar u inghata permezz ta' *cheque* mahrug f'isem il-konvenut giet trattata fil-kunisderazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, u a skans ta' ripetizzjoni dawk il-kunsiderazzjonijiet mhux ser jigu riprodotti f'din il-parti tas-sentenza.

Jifdal ghalhekk li tigi trattata l-kwistjoni jekk bil-fatt li l-konvenuti kienu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 29 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech, fejn fost l-ohrajn il-konvenut kien obbliga ruhu li jirrifondi lill-attrici kwalunkwe somma rifuza mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, jilliberax lill-konvenuta mill-obbligu minnha assunt fuq l-iskrittura ta' konvenju tal-15 ta' Gunju 2006.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-obbligazzjoni mertu ta' din il-kawza inholqot permezz tal-iskrittura ta' konvenju datat 15 ta' Gunju 2006. Din l-obbligazzjoni torbot liz-zewg konvenuti flimkien u kienet dipendenti fuq zewg kundizzjonijiet li kellhom jissussistu sabiex il-hlas da parti tal-konvenuti jkun dovut. L-ewwel kundizzjoni kienet dik li fuq l-att finali ta' bejgh l-attrici kellha thallas it-Taxxa Provvizorja fuq il-Qligh Kapitali, haga din li tirrizulta li sehhet mid-dikjarazzjoni datata 5 ta' Frar 2007 maghmula u iffirmata mill-konvenuti fuq l-istess skrittura. It-tieni kundizzjoni kienet dik li d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni johrog ir-rimbors ghal hlas tat-taxxa li tkun saret fuq l-att ta' bejgh, haga din li ukoll tirrizulta li saret. Ladarba dawn iz-zewg kundizzjonijiet avveraw ruhhom, l-obbligazzjoni ma baqghetx sospiza u konsegwentment il-hlas lill-attrici sar dovut miz-zewg konvenuti flimkien.

Il-fatt li fuq il-kuntratt ta' firda personali l-konvenuti ftehmu li dan il-hlas lill-attrici kellu jsir mill-konvenut biss huwa rrilevanti stante li l-attrici ma kenitx parti f'dak il-ftehim u ghalhekk dak mifthiem mill-konvenuti huwa *res inter alios acta* ghall-attrici.

Fir-rigward imbaghad tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, ghandu jigi osservat illi l-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili jitratta l-obbligazzjonijiet *in solidum* u jipprovdi li ma jitqiesx li l-partijiet huma obbligati solidalment sakemm is-solidarjeta' ma tkunx iddikjarata mil-ligi jew sakemm ma tkunx miftiehma espressament. Madankollu s-subinciz (d) tal-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili jistabilixxi illi kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin huwa dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

Fis-sentenza **Carmel sive Charles Sciberras pro et noe et vs Youssef Rhouni et** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)[8] fil-5 ta' Novembru 2005 gie ritenut illi:

*"Dak li hu cert pero hu li l-komunjoni mhix dotata b'personalita` guridika in bazi ghall-precitat artikolu tal-Kodici Civili u dawk id-disposizzjonijiet l-ohra annoverati taht is-Sub-Titolu III (Fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti) ta' listess Kodici;*

*Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f'komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali solidarjeta` tohrog mill-kuntrattazzjoni innifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjeta` tidderivi minn provvediment specifiku tal-ligi. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali taghha u cjoe (a)* ***pluralita` ta' soggetti****; (b)* ***l-idem debitum****; u (c)* ***eadem causa obligandi****. Ir-ratio, imbaghad, ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant li l-kredituri - salv ghall-kwestjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu proprju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322 (3) (d), Kodici Civili - setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kon-titolari tal-kirja, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 1094, Kodici Civili;*

[8] *Per* Imhallef Philip Sciberras

… …

*Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f'regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f' kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta;"*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz il-konvenuti assumew l-obbligazzjoni mertu ta' din il-kawza konguntivament fil-15 ta' Gunju 2006 meta kienu ghadhom mizzewgin. Ghalhekk iz-zewg konvenuti flimkien ghandhom jitqiesu debituri solidalment tal-attrici, ghaliex din l-obbligazzjoni dahlu ghaliha iz-zewg mizzewgin flimkien kif jipprovdi l-Artikolu 1327(d) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, kemm it-tieni u kif ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta ser jigu michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti;

2. Konsegwentement tilqa' t-talba tal-attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu *in solidum* lill-attrici s-somma ta' sitt elef, tmien mija u tmienja u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€6,848.36) - ekwivalenti ghal elfejn disa' mija u erbghin liri Maltin (Lm2,940) - bl-imghax li jibda jiddekorri mill-31 ta' Jannar 2012 (data tan-notifika lill-konvenut tar-rikors promotur) sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk dal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Dicembru 2010 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti *in solidum*.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**